MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2014

Appell Civili Numru. 1046/2001/2

**Joseph Agius**

**v.**

**Maria Dolores Agius**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur ippremetta illi:

> "li z-zwieg bejn il-partijet tkisser irrimedjabbilment u l-hajja konjugali m' ghadhiex aktar possibbli minhabba tortijiet attribwibbli lill-konvenuta konsistenti f' eccessi, sevizzi, ingurji gravi, kif ukoll adulterju da parti tal-konvenuta; li l-attur ottjena l-awtorizzazzjoni skont il-ligi sabiex iressaq l-istanza odjerna; ghalhekk l-attur qed jitlob li din il-Qorti: [a] tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali "*a mensa et* thoro" bejnu u bejn l-imsemmija martu Maria Dolores Agius ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta; [b] tawtorizza l-istess attur biex jghix separatament mill-konvenuta martu; [c] tornda li l-kura u l-kustodja tat-tifla Lisette Agius, tigi fdata lill-istess attur; [d] tapplika interament jew in parti d-dispozizzjonijiet rilevanti tal-Kodici Civili u separatament tordna illi l-attur jigi moghti l-piena amministrazzzjoni tal-beni parafernali tieghu; (e) tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tornda li l-istess oggetti formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwisti jigu assenjati principalment lill-attur u dan wara li l-Qorti tapplika l-penalitajiet skont il-ligi billi, okkorrendo ghal finijiet ta' din it-talba jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba, kif ukoll nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lil eventwali kontumacja fuq l-istess att; [f] tikkundanna lill-konvenuta tikkonsenja lill-attur il-beni kollha parafernali tieghu; [g] tornda lill-konvenuta sabiex tivvaka mid-dar matrimonjali stante it-talba ghal kura u kustodja tat-tifla kif ukoll is-sens ta' irresponsabilta' tal-istess konvenuta; bl-ispejjez;"

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet li permezz taghha il-konvenuta eccepiet:

> "li stante l-fatt li l-attur qieghed jidher f'ismu personali f'dawn il-proceduri huwa ma jistax jipproponi t-tielet talba tieghu ghal kura u kustodja ta' bintu minuri; hemm qbil dwar li tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali izda tikkontesta l-htija li skont il-konvenuta ghandha tigi attribwita lill-attur; li t-tieni talba hija superfluwa; illi t-tielet u r-raba' talbiet ghandhom jigu michuda fid-dawl tal-kontro-talba maghmula mill-konvenuta; taqbel li l-komunjoni ta' l-akkwisti ghandha tigi xolta u l-beni kollha formanti parti mill-istesss jigu divizi u assenjati lill-partijiet pero` s-sanzjonijiet ghandhom ikunu applikati kontra l-attur u ghalhekk il-hames talba tigi michuda, hekk ukoll ghandhom jigu michuda s-sitt u s-seba' talba;"

Rat it-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta li permezz taghha ppremettiet:

> "illi l-partijiet izzewgu fid-9 ta' Awwissu 1980 u kellhom zewgt itfal li minnhom wahda biss hija minorenni; illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba sevizzi, eccessi, ingurji u adulterju da parti ta' l-attur rikonvenzjonat u z-zwieg tkisser irrimedjabbilment; li giet debitament awtorizzata tipprocedi b'dawn il-proceduri; illi l-konvenuta pprezentat citazzjoni fl-ismijiet inversi bin-numru tac-citazzjoni 2738/99RCP fejn ghamlet talba ghall-manteniment; ghalhekk il-konvenuta rikonvenzjonanta qed titlob lil Qorti; [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghal ragunijiet imputabbli biss lill-attur rikonvenzjonat u minhabba li z-zwieg tkisser; [2] tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri f'idejn il-konvenuta salv l-access favur l-attur rikonvenzjonat li ghandu jigi stabbilit fl-ahjar interess tal-minuri; [3] tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat ihallas lill-konvenuta retta alimentari adegwat ghal bintha minuri; [4] tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tikkundanna l-attur rikonvenzjonat jirritorna l-oggetti parafernali lill-konvenuta martu; [5] tapplika kontra l-attur rikonvenzjonat id-dispozizzjonijiet u s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikoli 44 u 55A tal-Kodici Civili; [6] tawtorizza lill-konvenuta tirriverti ghal kunjom xbubitha, Bonnici; [7] tawtorizza lill-konvenuta tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni ta' l-attur rikonvenzjonat; bl-ispejjez."

Rat ir-risposta tal-attur li permezz taghha eccepixxa:

> "illi huma ghaddejjin minn proceduri f'kawza ghall-manteniment mentri l-konvenuta qieghda tghix fid-dar matrimonjali ma' terza persuna li ilha f'relazzjoni maghha minn qabel bdew il-proceduri; jaqbel li ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali pero' tort unikament tal-konvenuta; jikkonferma li miz-zwieg twieldu zewgt itfal u li wahda biss hija minorenni liema minuri giet imkeccija mid-dar mill-konvenuta li kienet ukoll thalliha bil-guh u nieqsa filwaqt li tmantni lit-terza persuna, il-kura u l-kustodja tal-minuri tigi fdata lill-attur fl-ahjar interess tal-minuri salv access favur il-konvenuta jekk ikun il-kaz; it-tielet talba tal-kontro-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-konvenuta; ghandha tigi xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti u l-beni jigu divizi u assenjati lill-partijiet, l-assi parafernali jittiehdu mill-parti skont il-kaz wara li jigu applikati s-sanzjonijiet kontra l-konvenuta; ma joggezzjonax li l-konvenuta tirreverti ghal kunjom xbubitha; tawtorizza lill-attur jghix fid-dar matrimonjali ghad-eskluzjoni tal-konvenuta li qed tghix hemm ma' terza persuna."

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fid-29 ta’ Novembru 2013 li permezz taghha il-Qorti ddecidiet illi:

“[1] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel, it-tieni u r-raba’ talba, stante li z-zwieg gie annullat fil-mori tal-kawza;

“[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba, stante li t-tfal huma maggjorenni;

“[3] tilqa’ l-hames talba billi xxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti, u tillikwidaha u tassenjaha fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘**Komunjoni ta’ l-Akkwisti’** u ;

“[4] tilqa’ is-sitt talba fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntesta **‘Propjeta` Parafernali’**;

“[5] tastjeni milli tiehu konjizzjoni s-seba’ talba stante li din giet ezawrita, stante li z-zwieg gie annullat

“Tiddeciedi dwar il-kontro-talba billi:

“[1] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ l-ewwel, it-tieni u u l-hames talba stante li z-zwieg gie annullat fil-mori tal-kawza;

“[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba, stante li t-tfal illum huma maggjorenni;

“[3] tilqa’ r-raba’ talba fis-sens fuq gja’ deciz;

“[4] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba, stante li z-zwieg gie annullat;

“[5] tilqa’ s-sitt talba, u tawtorizza lill-konvenuta tirriverti ghal kunjom xbubitha ‘Bonnici’;

“[4] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba’ talba, stante li z-zwieg gie annullat;

“L-ispejjez ghandhom jigu sopportati fi kwoti ugwali bejn il-partijiet.”

Il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet;

“Illi l-partijiet izzewgu fid-9 t’Awwissu 1980, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal, li t-tnejn illum huma maggiorenni. Illi fil-24 ta’ Dicembru 2007 il-partijiet irregistraw l-annullament taz-zwieg li huma ottjenew mit-Tribunal Ekklesjastiku ghalhekk dina s-sentenza hija limitata ghat-talbiet attrici indikati bl-ittri “e”, “f” u “g” u limitatament ghat-talbiet rikonvenzjonali numru “4”, “6” u “7”.

“**Kura u Kustodja**

“Illi t-tfal illum huma t-tnejn maggjorenni ghalhekk dan il-punt gie ezawrit.

“**Manteniment**

“Illi stante li t-tfal illum huma t-tnejn maggjorenni, u tenut kont tal-fatt li z-zwieg illum m’ghadux jezisti, it-talba ghall-manteniment futur ma tistax treggi.

“Jibqa’ pero’ il-pretensjonijiet ta’ l-attur ghall-hlas ta’ manteniment arretrat. F’ dan ir-rigward il-Qorti taqbel mal-perit legali li ghal din it-talba josta l-artikolu 22 li fil-parti relevanti tieghu jaqra hekk:

"22 [1] Min ikun ta l-manteniment ma ghandux il-jedd jitlob ir-radd ta' dak il-manteniment li jkun ta wara li tkun spiccat ir-raguni li ghalih ikun obbligat ghall-manteniment."

"Kif osservat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza ***Josette Vella vs Sebastian Vella*** deciza fl-10 ta' Ottubru 2003,

"Hija regola generali tad-dritt civili li l-alimenti jinghataw biex ikunu effettivament ikkunsmati mill-kreditur taghhom ghall-ghixien u sopravvivenza attwali ta' l-istess kreditur, u ghalhekk ma jistghux jintalbu lura. Dan il-principju japplika wkoll fil-kaz ta' alimenti derivanti miz-zwieg. Hawnhekk il-pensjoni alimentarja ma tkoprix biss il-bzonnijiet strettament necessarji tal-kreditu izda hija proporzjonata ghall-mezz tal-kreditur.

Anke fl-ipotezi li l-appellant ma jkunx obbligat jissomministra manteniment wara d-data tas-sentenza li annullat iz-zwieg, l-appellant jibqa' xorta wahda m' ghandux dritt jitlob ir-refuzjoni ta' l-alimenti li hallas pendente lite wara z-zwieg gie dikjarat null."

"**Komunjoni ta' l-Akkwisti u Propjeta` Parafernali**

"Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti taddotta il-konsiderazzjonijiet maghmula u konkluzjonijiet raggjunti mill-abbli perit legali fir-relazzjoni taghha, fil-pagni 8 sa 17 u li kopja taghhom qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti integrali mill-istess [Appendici A][1]

"Illi l-Qorti rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet inkluzi dikipprezentata mill-konvenuta datata 15 ta' Marzu 2013[2] liema osservazzjonijiet kienu diga` gew ittrattati mill-Perit Legali fir-rapport taghha fil-pagni annessi mal-gudizju odjern.

"Jigi rilevat biss li, fir-rigward tal-oggetti tad-deheb li l-konvenuta ghandha tghaddi lill-attur, il-valur taghhom ma jirrizultax sodisfacentement provat. Jezisti biss elenku Dok.JI ta' dawn l-oggetti fejn hemm indikat valuri, izda li

[1] Vol. IV fols..1297 sa 1306.
[2] Vol. 4, fols. 1365 et seq.

> mhuwiex konfermat bil-gurament, u ghalhekk ma jaghmilx prova tal-kontenut tieghu."

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li permezz tieghu talab illi;

> "Din l-Onorabbli Qorti taccetta dan l-appell mis-sentenza moghtija tad-29 ta' Novembru, 2013 u bil-qima thassar u tirrevoka l-imsemmija sentenza billi mhux biss tilqa' t-talba ghall-appell imma tordna li l-esponent ikun jista' jgib il-provi fir-rigward l-assi li kien michud li jgib, li huma ta' natura parafernali kif spjegat qabel, kif ukoll ikun hemm 're-assessment' mill-gdid tal-provi ghall-eventwali tqassim tal-assi bejn dawk tal-komunjoni u parafernali imma bl-applikazzjoni tal-penalitajiet u principji ta' min ikun it-tort, bl-ispejjez kontra l-appellata."

Rat ir-risposta tal-konvenuta li permezz taghha fil-waqt li opponiet ghat-talbiet tal-appellanti, talbet li s-sentenza tigi konfermata u li l-appellanti jigi kkundannat ihallas l-ispejjez doppji.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Ottubru 2014 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati trattaw l-appell;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi l-appellant fir-rikors tal-appell ghamel lista li tinkludi kwazi l-ittri kollha tal-alfabett mill-(a) sax-(x) izda wiehed ma jistax jghid li dawn huma kollha aggravji; hafna minnhom huma konstatazzjonijiet u argumenti tal-appellant. Minhabba dan il-mod xejn felici u pjuttost kaotiku li bih gie formulat l-appell, il-Qorti se tipprova tohrog dawk li jidhru li huma l-aggravji tal-appellant u tesplorahom wiehed wiehed kif soltu jsir.

**L-EWWEL AGGRAVJU**

L-ewwel u l-aggravju principali huwa appuntu dwar it-tort ghat-tifrik taz-zwieg u allura ghall-akkollament tal-ispejjez tal-kawza; il-Qorti tal-Familja iddecidiet illi peress li z-zwieg gie dikjarat null fil-mori tal-kawza allura ma kienx hemm kwistjoni ta' min kien it-tort ghat-tifrik taz-zwieg u kwindi l-ispejjez tal-kawza kellhom ikunu maqsuma ugwalment bejn il-partijiet ladarba kellhom jigu decizi biss essenzjalment il-kwistjonjiet patrimonjali.

L-appellanti pero` jsostni li kienet l-appellata l-kagun ghat-tifrik taz-zwieg u allura ghandha tigi kkundannata thallas l-ispejjez tal-kawza. Dan huwa indikat fil-paragrafi (a) sa (e) – eccetto (b) – u (w).

Wiehed ghandu jghid li huwa minnu li s-sentenza innifisha tat-Tribunal Ekklezjastiku tattribwixxi lill-appellata '*lack of discretion of judgment and ..incapacity to assume marital obligations*" u kien ghalhekk li ddikjara z-zwieg bejn il-partijiet null. Is-sentenza tat-Tribunal ghandha naturalment sahha legali billi mbaghad l-annullament deciz minnha gie debitament registrat fuq decizjoni ta' din il-Qorti.

Fuq din il-materja, l-awtur **Trabucchi** (**Commentario al Codice Civile**, paragrafu 150 sub inciz III), jghid hekk:

> "*Sopravvenuto l'annullamento del matrimonio, cessa la materia del contendere nel giudizio di separazione, il quale puo' essere proseguito solo limitatamente agli effetti relativi al periodo precedente.*"

Ghalhekk skont dan l-insenjament, il-vertenza processwali dwar is-separazzjoni 'per se`' tieqaf ladarba z-zwieg jigi dikjarat null. Naturalment pero` xorta wahda jridu jigu decizi kwistjonijiet dwar il-minuri (li f'dan il-kaz ma hemmx) u dwar il-patrimonju tal-partijiet. Kif sewwa allura qalet l-ewwel Qorti hija kellha tiddeciedi biss dwar it-talbiet attrici mmarkati "e", "f" u "g" u dawk rikonvenzjonali enumerati "4", "6" u "7".

Stabbilit dan allura il-Qorti kellha tiddeciedi dwar il-kap tal-ispejjez skont l-Artikolu 223 (1) tal-Kap. 12 illi jghid li l-Qorti ghandha tikkundanna l-parti *telliefa* biex thallas l-ispejjez tal-kawza filwaqt li s-sub inciz (3) jghid li l-Qorti tista' tikkundanna lil kull parti thallas l-ispejjez taghha *meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra nghatat fuq punt legali iżda biss jekk jindaħlu xi punti specjali ta' ligi.*

Peress li ma kienx hemm, u ma setax ikun hemm, decizjoni dwar it-talbiet l-ohra – sija tal-appellant u sija tal-appellata – u allura ma kienx hemm la *rebbieha* u lanqas *telliefa* f'dan ir-rigward – din il-Qorti jidrilha li l-ewwel Qorti ddecidiet tajjeb li ma kienx hemm lok wiehed jidhol fil-mertu ta' min kien it-tort li z-zwieg tfarrak ghaliex iz-zwieg kien null u allura anke l-ispejjez jinqasmu. Il-kwistjonjiet l-ohra kienu jirrigwardjaw il-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk ukoll huwa gust illi l-ispejjez fir-rigward jinqasmu indaqs bejn il-kontendenti. Dan l-aggravju allura se jigi michud.

**L-AGGRAVJI L-OHRA**

Il-paragrafi l-ohra kollha tar-rikors tal-appell huma dwar il-kwistjonijiet patrimonjali ossija l-beni parafernali u l-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti.

Hawn ta’ min jghid li f’uhud minn dawn il-paragrafi l-appellant jerga’ jqajjem il-kwistjoni tat-tort meta din hija ghal kollox irrilevanti ghall-apprezzament tal-provi f’dan ir-rigward.

Ghandu jinghad mill-ewwel li ghal appuntu dak li huwa apprezzament tal-fatti, din il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Phylis Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta’ Jannar 1995) qalet li “*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f’kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta’ valutazzjoni ta’ fatti”*. Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta’ Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li “*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta’ revizjoni li fejn si tratta ta’ apprezzament u evalwazzjoni ta’ provi ta’ fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor”.*

Dan l-insenjament huwa segwit f’diversi sentenzi; madankollu “*Din il-Qorti pero` f’kaz tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi imressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta’ kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja*”. (**Attard et v. Direttur tas Sahha,** Qorti tal-Appell, 31 ta’ Mejju 2014).

Fil-paragrafu (f) l-appellant ifakkar lill-Qorti illi l-partijiet kellhom paga fissa minn fejn jghixu fiz-zmien li kienu flimkien (donnu jrid jghid li allura dawn il-flus li kien jaqla' jappartjenu kollha lilu u mhux lill-komunjoni) u fil-paragrafu (g) l-appellant jirreferi ghall-prokura li jghid li kellha l-appellata (li tichad) u jilmenta li l-ewwel Qorti 'insiet' dan. F'dan l-istadju pero` ma jindikax x'kienu l-konsegwenzi ta' dan kollu. Dan, barra mill-fatt li din il-prokura ma dehret imkien fil-gbir tal-provi, jwasslu lill-Qorti biex tikkonkludi li ma tistax tehodha in konsiderazzjoni l-istess bhalma ghamlet l-ewwel Qorti. Biex il-Qorti tiehu konjizzjoni ta' dokument irid ikun esebit jew ghallinqas ikun hemm prova inkonfutabbli li jezisti. Il-kelma biss tal-parti li tallega (jekk ma tkunx konvincenti) mhux bizzejjed wahedha ghaliex "***Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat***" kif jghid car u tond l-Artikolu 562 tal-Kodici tal-Procedura. Dan japplika ghal aggravji ohra li jissemmew aktar 'il quddiem.

Fil-paragrafu (h) imbaghad jaghmel referenza ghall-fatt li skont hu, wiret aktar minn sitta u disghin elf u hames mitt euro (€96,500) u dawn kellhom jittiehdu in konsiderazzjoni. L-ewwel Qorti adottat '*in toto'* ir-relazzjoni peritali f'dan ir-rigward u l-appellant jilmenta li l-Qorti ma kellhiex ghalfejn taghmel hekk (paragrafu b tar-rikors). Naturalment huwa minnu li l-Qorti mhix tenuta tadotta r-relazzjoni peritali (Artikolu 681 tal-Kap. 12) izda dan lanqas ma jfisser li hija *ma ghandiex* tadottah. L-ewwel Qorti ghamlet hekk ghax kienet konvinta mir-ragunamenti tar-rapport. Hawn ta' min jghid li fejn il-Qorti ma adottatx partijiet

ohra mir-rapport, peress li dan mar kontra l-interessi tieghu, l-istess appellant jilmenta wkoll li l-Qorti ma qablitx mal-perit legali.

L-ewwel Qorti ordnat li l-appellant ghandu jhallas is-somma ta' disgha u tletin elf seba' mija u hamsa u erbghin euro u tmienja u hamsin centezmu (€39,745.58) ekwivalenti ghal (Lm17.158,19) bhala ekwiparazzjoni. L-appellanti kif inghad, jghid li huwa gab fiz-zwieg wirt ghas-somma komplessiva ta' aktar minn €96,500 mill-wirt ta' missieru u minn dak tan-nanna materna Helen Cilia. Dwar il-wirt tal-missier ma hemmx kontestazzjoni u dan gie mehud in konsiderazzjoni izda l-Qorti taqbel li l-appellant ma gabx dokumentazzjoni dwar il-wirt ta' nanntu. Issa huwa qed jitlob li jressaq il-provi biex jikkonvinci lill-Qorti li huwa wiret Lm16,050 (€37,396.50c) minn ghandha.

Madankollu huwa kellu kull opportunita` biex jaghmel dan fl-ewwel istanza u jekk issa ntebah ma jista' jwahhal f'hadd hlief fih innifsu – fuq kollox il-kawza damet ghaddejja tnax-il sena u kellu kull hin biex jaghmel dan.

Il-Qorti pero` **taqbel** mal-appellanti fuq dawn il-punti li gejjin u se taghtih ragun fl-aggravji relattivi.

L-ewwelnett dwar il-bejgh ta' ghalqa li taghha l-appellanti wiret sehem u li sehmu fis-somma ta' Lm5,544.68 (€12,915.63) gie depozitat gol-kont 134229853; dwar dan hemm provi bizzejjed fl-atti biex jindika li dawn kienu flus parafernali tal-appellant u li allura ghandhom jitnaqqsu mis-somma li ghandu jhallas b'ekwiparazzjoni.

Din il-Qorti taqbel ukoll mieghu fir-rigward tal-karozza BMW li l-konvenuta tammetti li tuza regolarment izda skont hi tappartjeni lill-habiba taghha li *thalliha tuzaha*. Din il-Qorti ma tistax tittollera anzi tkun komplici ma' dan it tip ta' manuvrar biex jigi evitat li din il-vettura li tiswa' l-flus tigi taqa' fil-komunjoni tal-akkwisti kif ghandu jkun. Dak li gia` inghad li jghodd ghall-appellant jghodd ukoll ghall-appellata. F'dan l-aspett il-Qorti tifhem li kien difficli ghall-appellant li jkollu l-provi tal-valur tal-vettura; ghalhekk '*arbitrio boni viri'* il-Qorti se tiffissa l-valur taghha bhala €20,000 u allura l-appellant ghandu jircievi nofs dan l-ammont u kwindi €10 0000.

Ghalhekk l-ammont ta' flus li l-appellant ghandu jhallas lill-appellata ghandu jitnaqqas bi €22,915.63 u ghalhekk jigi €16,829.95.

Din il-Qorti jidhrilha wkoll li l-appellata ghandha tkun ordnata tirritorna l-oggetti tad-deheb u l-*camera* li ghalihom hemm riferenza f'pagna 16 u 17 tar-rapport

peritali ghaliex ma hemmx dubbju li dawn jappartjenu lill-appellant u qeghdin fil-pussess tal-appellata kif anke kkonkludiet il-perit legali. Il-fatt li ma hemmx prova tal-valur taghhom ma jfissirx li l-Qorti ma ghandhiex taghti din l-ordni u jekk il-parti li tkun ordnata taghmel dan tibqa’ inadempjenti l-parti l-ohra ghandha rimedji ohra disponibbli ghaliha biex dik il-parti tas-sentenza tigi esegwita.

Dwar l-aggravji l-ohra kollha ma hemmx provi sufficjenti biex jiggustifikaw l-akkoljiment taghhom anzi ghal uhud minnhom ma hemm propju ebda provi.

Peress li saret talba ghal-nomina ta’ Nutar u kuratur tal-kontumacji li dwarha ma nghatax provvediment mill-ewwel Qorti, il-Qorti se tinnominahom hi. Huwa evidenti illi ladarba l-Qorti se tilqa’ parzjalment l-appell hija ma hix se tordna li l-appellant ihallas l-ispejjez doppji anzi se tordna li hlas tal-ispejjez kollha, in vista ta’ dak li gia` ssemma’, ikunu a kariku tal-partijiet f’ishma ndaqs.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tilqghu biss limitatament billi tordna li l-attur appellat ihallas lill-appellata s-somma fuq imsemmija ta’ sittax-il elf tmien mija u disgha u ghoxrin euro u hamsa u disghin centezmu (€16,829.95) minflok dik imsemmija fis-sentenza appellata; tordna lill-

konvenuta appellata biex tirritorna fi zmien xahar ic-curkett tat-tieg, dak tal-engagement, polka tad-deheb, curkett bil-fossa, il-camera Zeis Ikon, u l-oggetti kollha elenkati fid-Dok. Z16 u Dok. J1; u ghall-fini tal-assenjazzjoni tal-immobbli, *occorrendo* tinnomina lin-Nutar Sylvana Borg Caruana biex tippublika l-att relattiv u l-Avukat Dottor Gabrielle Buttigieg bhala kuratur ghall-eventwali kontumaci – il-kuntratt relattiv isir fl-edificcju tal-Qorti u f'data li tigi ffissata mill-Qorti fuq talba ta' xi hadd mill-partijiet jew min-Nutar nominand; mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata kif deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja).

L-ispejjez kollha tal-ewwel u t-tieni grad jinqasmu bejn il-partijiet indaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------